MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2014

Citazzjoni Numru. 1200/2012

**Polidano Leisure Limited (C-21355)**

**vs**

**The Performing Right Society Limited ta' Londra, l-Inghilterra (Numru ta' Registrazzjoni 134396) rapprezentata f'Malta mill-agenti u mandatrici taghha Dingli Co. International Ltd. (C-7692)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tat-30 ta' Novembru 2012 li jghid hekk:

1. Illi s-socjeta rikorrenti kienet iffirmat licenzja 11200 (annessa bhala dok. A) u dahlet f'kuntratt ghal dan il-ghan fil-25 ta' Awissu 2000, ghal wiri ta' films li fihom l-muzika, fuq il-premessa lilha suggerit mis-socjeta intimata li kellha

bzonn tali licenzja biex turi films li fihom l-muzika ai termini tal-Kapitolu 415 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi is-socjeta rikorrenti kienet skopriet fis-sena 2008 li tali licenzja ma kinitx u mhix mehtiega ai termini tal-Kapitolu 415 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk kienet ikkancellat tali ftehim fis-sena 2008.

3. Illi gara izda li s-socjeta intimata intavolat proceduri quddiem din il-Qorti ghall-ammont allegament dovut waqt li kien fis-sehh tali ftehim u anke wara li gie kancellat tali ftehim (Rik. Gur. Nru. 1102/2012 MCH).

4. Illi s-socjeta rikorrenti tikkontendi ghalhekk li galadarba tali ftehim sar bi zball u/jew b'kawza falza u dan bhala rizultat tal-operat tas-socjeta intimata l-licenzja ma kinitx u mhix mehtiega u li tali kuntratt huwa null u bla effett.

Tghid ghalhekk is-socjeta intimata ghaliex ghar-ragunijiet premessi, din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:

1. tiddeciedi u tiddikjara li l-licenzja 11200 ghal wiri ta' films li fihom il-muzika ma kinitx u mhix mehtiega ai termini tal-Kapitolu 415 tal-Ligijiet ta' Malta; u/jew

2. tiddeciedi u tiddikjara li s-socjeta rikorrenti dahlet fil-kuntratt tal-25 ta' Awwissu 2000 bi zball u/ jew b'kawza falza; u/jew

3. tiddeciedi u tiddikjara li l-ftehim tal-25 ta' Awwissu 2000 huwa null u bla effett fil-ligi;

4. tordna lis-socjeta intimata sabiex trodd lura lis-socjeta rikorenti dak kollu li rceviet b' effett jew bis-sahha tal-imsemmija kuntratt u licenzja.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta konvenuta li tghid hekk:

1. Preliminarjament il-kawza kif intavolata hija tardiva stante illi ai termini tal-atikolu 1222 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta din il-kawza kellha tigi ntavolata fi zmien sentejn.

Is-socjeta rikorrenti tikkoncedi hija stess fi tieni paragrafu tar-rikors guramentat taghha illi hija kienet skopriet fis-sena 2008 illi tali licenzja, dejjem skond hi, ma kienetx u mhiex mehtiega ai termini tal-Kapitolu 415 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan apparti l-fatt illi l-licenzja odjerna kienet giet konkluza fil-25 ta' Awissu 2000.

2. Preliminarjament ukoll, u minghajr l-ebda pregudizzju ghal fuq eccepit; il-fatt illi s-socjeta rikorrenti kienet imxiet ai termini tal-licenzja u senjatament skond il-kondizzjoni numru sitta (6) sabiex tikkancella l-istess licenzja, u dana fi stadju meta l-istess socjeta rikorrenti ex admissis kienet taf bil-kawza tal-allegata nullita, turi accettazzjoni u adezjoni da parti taghha ml-istess licenzja tant illi issa hija prekluza skond il-ligi milli tipprocedi sabiex titlob dikjarazzjoni tan-nullita fir-rigward tal-istess.

3. Fil-mertu u minghajr pregudizzju ghal fuq premess, ghar ragunijiet kollha moghtija mis-socjeta eccepjenti fil-proceduri gudizzjarji l-ohra minnha stess istitwiti mis-socjeta rikorrenti fir-rikors guramentat numru 1102/2012 MCH pendent quddiem dina l-istess Onorabbli Qorti, l-istess socjeta rikorrenti tabilhaqq illi kellha bzonn u ghad ghandha bzonn tali licenzja tas-socjeta eccepjenti sabiex turi jew tesegwixxi fil-pubbliku, xogholijiet muzikali li d-dritt tal-awtur taghhom jinstab vestit fl-istess socjeta eccepjenti.

4. B'mod partikolari, is-socjeta eccepjenti tichad kategorikament illi hija illicenzjat lis-socjeta rikorrenti ghal wiri ta' xogholijiet awdjovizivi. Il-fatt huwa biss illi permezz tal-wiri ta' tali xogholijiet awdjovizivi da parti tas-socjeta rikorrenti fl-istabiliment cinematografiku taghha Empire Cinema, Bugibba, liema xogholijiet awdjovizivi jikkontjenu ukoll xogholijiet muzikali illi jinstemghu fil-pubbliku waqt il-wiri ta' tali xogholijiet awdjovizivi, is-socjeta rikorrenti qeghda twettaq esekuzzjoni fil-pubbliku ukoll ta' dawn ix-xogholijiet muzikali li d-dritt tal-awtur taghhom kif diga inghad jinsab vestit fis-socjeta eccepjenti.

5. Fl-ahharnett, is-socjeta eccepjenti tichad ukoll kategorikament illi hija qatt operat jew agixxiet b'xi mod

qarrieqi jew zbaljat fil-konfront tas-socjeta rikorrenti illi evidentament ma hijiex qieghda tifhem, jew addiritura ma tridx tifhem il-punti rilevanti applikabbli f'dan il-kamp tad-Drittijiet tal-Awtur.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti illi minn issa stess hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni preliminari ta' preskrizzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-ewwel eccezzjoni taghha s-socjeta intimata eccepiet li preliminarjament illi l-kawza hija tardiva stante illi ai termini tal-artikolu 1222 tal-Kap. 16 dina l-kawza kellha tigi ntavolata fi zmien sentejn.

F'dina l-kawza xehed Dottor Kevin Dingli li qal li s-socjeta rikorrenti ammettiet fir-rikors guramentat taghha li kien biss fis-sena 2008 li skopriet li ma kellhiex bzonn ta' licenzja ai termini tal-Kap. 415 tal-Ligijiet ta' Malta u ma hadet ebda azzjoni qabel il-prezentata ta' dina l-kawza.

Is-socjeta rikorrenti ssottomettiet (fol. 23) illi l-artikolu 1222 tal-Kap. 16 jitkellem dwar preskrizzjoni u mhux dekadenza. Hija tterminat il-ftehim fis-sena 2008 u pprezentat kopji ta' erba ittri ufficjali fis-snin 2008, 2010 u 2012 (fol. 26 sa 37) u l-kawza giet prezentata fid-29 ta' Novembru 2012. Is-socjeta rikorrenti ssostni ukoll li fil-kaz tal-artikolu 1223 iz-zmien tal-preskrizzjoni jibda jghodd minn dak in-nhar li jinkixef id-difett, u ghamlet referenza ghas-sentenzi **Zammit vs Cappelio**, App 19/11/1962 u **De Hann vs Whelpdale et**, App 31/07/1996

L-artikolu 1222 tal-Kap. 16 jipprovdi li:
(1) Meta l-ligi f'xi kaz partikolari ma tistabbilixxix zmien aqsar, l-azzjoni ghar-rexxissjoni minhabba vjolenza, zball,

eghmil doluz, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' eta, taqa' bil-preskrizzjoni eghluq sentejn.
(2) Dan ighodd ukoll ghar-rexxissjoni ta' obbligazzjonijiet minghajr kawza, jew maghmulin fug kawza falza.

Illi hu risaput fil-gurisprudenza nostrali li l-azzjoni ta' rexxizzjoni ta' kuntratt huwa zmien ta' preskrizzjoni u mhux ta' dekadenza u ghalhekk jista' jigi interott (ara **Aquilina vs Gasan noe,** Vol XXIX p I p1305, 06/12/1935 u **Carmelo Tabone vs Michele Tabone et,** PA 28/11/1957).

Imbaghad l-artikolu 1223(1) jipprovdi li z-zmien tal-preskrizzjoni hawn fuq imsemmi jibda jghodd biss, fil-kaz ta' vjolenza, minn dak in-nhar li l-vjolenza tispicca, u, fil-kaz ta' zball, ta' eghmil doluz, jew ta' kawza falza, minn dak in-nhar li jinkixef id-difett (ara **George Mallia vs Avukat Dr. Albert Ganado noe**, PA 14/05/1959; **Carmelo Tabone vs Michele Tabone et,** PA 28/11/1957; u **Zammit vs Cappello** Vol XLVI p I p372 19/11/1962).

Illi fil-kaz in ezami jirrizulta li r-rikorretti jallegaw li ndunaw li ma kienx hemm bzonn li jkollhom licenzja li l-intimati kienu talbuhom biex jiffirmaw, fis-sena 2008 meta imbaghad huma hassru l-kuntratt. Jirrizulta li wara s-sena 2008 qabel gheluq it-terminu freskrittiv is-socjeta rikorrenti kienet tibghat ittra ufficjali lis-socjeta intimata (fol. 26 et seq.). L-ahhar wahda kienet datata 15 ta' Mejju 2012 u notifikata lis-socjeta intimata fit-23 ta' Marzu 2012 u l-kawza giet prezentata entro t-terminu preskrittiva fid-29 ta' Novembru 2012.

Ghalhekk l-azzjoni tas-socjeta rikorrenti mhijiex preskritta.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni preliminari dwar preskrizzjoni. Bl-ispejjez kontra s-socjeta intimata.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------